# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta'Ottubru 2001

Citazzjoni numru 1682/96 AJM

Kawza numru

Il-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1999 is-socjeta Maltacom p.l.c. assumiet l-atti.

Vs

Joseph Navarro

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentatat fl-20 ta' Mejju 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fuq talba tal-konvenut kien gie stallat is-servizz telefoniku bin-numru 312476 (gia 39310) fil-fond Navarro Flats numru 2, Triq il-Qroqq, Msida, u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness dokument A u cioe kopja fotostatika tat-talba ghat-trasferiment tas-servizz telefoniku; illi skond l-istess talba il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghall-zmien jigu stabbiliti mill-korporazzjoni attrici; illi l-konvenut huwa debitur tal-attur

fl-ammont ta' elf erba' mija u hames liri maltin u sebghin centezimu (LM1,405.70) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), kera tal-linja u 'extra work' in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness statement markat bhala Dok B; illi l-konvenut gie interpellat ihallas is-somma imsemmija izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' LM1,405.70 dovuta ghall-uzu (pulses/calls), kera tal-linja, xoghol 'extra' in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 312476 (gia 39310) liema servizz kien gie stallat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu 1996, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-1 ta' Novembru 1996 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ebda ammont ma hu dovut inkwantu illi mhux minnu li saru il-pulses allegati mill-korporazzjoni attrici fuq is-servizz telefoniku de quo.
2. Illi fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili.

3. Illi t-talba attrici hi preskritta wkoll ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
4. Illi jekk il-pulses allegati saru dawn saru minn persuni injoti minn barra l-fond “Navarro Flats” No. 2 Triq il-Qroqq, Msia jew rizultat ta’ malfunzjoni tas-sistema telefoniku tal-Korporazzjoni attrici.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-20 ta’ Jannar 1997 ta’ din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-24 ta’ Marzu 1997 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-30 ta’ Ottubru 2000 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bil-fakolta’ tan-noti ta’ osservazzjonijiet.

Hadet konjizzjoni tan-nota tal-konvenut presentata kontestwalment man-nota tal-osservazzjonijiet tieghu meta giet irtirata t-tieni eccezzjoni u cioe l-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili.

Hadet konjizzjoni tal-provi prdotti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Il-mertu ta’ din il-kawza jikkoncerna kreditu tal-korporazzjoni attrici ghall-servizzi tilefonici minnha moghtija lill-konvenut fuq firxa ta’ snin kif jidher mill-istatement minnha ezebit. Mhux qed jigi kontestat li dan

is-servizz ma giex moghti izda qed jinghad li l-ammont reklamat huwa ezagerat u fi kwalunkwe kaz li l-ammont pretiz huwa preskritt skond l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16. L-artikolu in kwistjoni jghid li l-azzjoni ghall-kreditu ta' natura kummercjali taqa' bi preskrizzjoni ta' hames snin.

Issa mill-atti tal-kawza jirrizulta is-segwenti:-

a. Il-kreitu in kwistjoni apparti s-somma ta' LM512.16, jikkoncerna l-perjodu bejn Dicembru 1990 u Marzu 1995. L-ammont imsemmi qabel jmur lura qabel l-1990.
b. Fil-5 ta' Lulju 1991 il-konvenut ipprotesta mas-socjeta' attrici dwar il-kontijiet ezagerati li kien qed jircevi u talab li din tivverifika dwar xi zbalji jew nuqqas ta' funzjonament tajjeb tal-appart.
c. F'April u Settembru 1992 il-konvenut hallas zewg pagamenti.
d. Fil-31 ta' Ottubru 1992 il-konsulent legali tal-konvenut kiteb lis-socjeta' attrici u talab li ssir investigazzjoni dwar diversi ilmenti tal-konvenut.
e. Fid-29 ta' Dicembru 1992 il-konvenut gie infurmat mis-socjeta' attrici li kien qed jigi kreditat bis-somma ta' LM1,347.61.
f. Fit-13 ta' Marzu 1996 il-konvenut gie interpellat ufficjalment mis-socjeta' attrici biex jhallas minnufih is-somma bilancjali ta' LM1,405.70, somma mitluba f'dawn il-proceduri.
g. Ic-citazzjoni odjerna giet presentata fl-20 ta' Mejju 1996.

L-artikolu 2128 tal-Kap 16 jiddisponi li l-preskrizzjoni hija interrotta permezz ta' att gudizzjarju notifikat lid-debitur fejn dan jigi interpellat jhallas l-ammont reklamat. Bl-ittra ufficjali tas-socjeta' attrici notifikata lill-konvenut fit-13 ta' Marzu 1996 ghalhekk jidher li kull ammont li jmur lura sa hames snin qabel id-data tan-notifika mhux preskritt billi dik

l-ittra ufficjali interrompiet l-preskrizzjoni u sussgwentement giet ppresentata din ic-citazzjoni.

L-artikolu 2134 tal-Kap 16 jiddisponi li l-preskrizzjoni ukoll tigi interrotta meta jsir hlas akkont tal-ammont dovut. Jidher li fl-1992 il-konvenut ghamel pagamenti akkont u dana minghajr ma indikat ta' xiex kien qed jhallas u minghajr ebda protesta da parti tieghu. Il-konvenut fin-nota tieghu jghid li dawn il-pagament saru wara li kollox kien gie ghan-normal u saru b'referenza ghall-kontijiet spcifici mhux kkontestati. Dan pero' ma jirrizultax billi kif jidher mid-Dok B a fol 6 tal-process dawn il-pagamenti saru qabel ma l-konvenut tramite l-konsulent legali tieghu kiteb lis-socjeta' attrici u ferm qabel ma din accettat li l-kontijiet jigu ridotti. Inoltre jekk wiehed jqabbel l-ammonti imhallsa mal-ammonti dovuti sad-data tal-pagament jidher li ma hemm ebda kont li jirrispekkja dawn il-pagamenti u li ghalhekk l-unika konkluzzjoni li din il-Qorti tista' tasal ghaliha hi li dawnil-pagamenti saru akkont u b'hekk interrompew l-preskrizzjoni kwinkwennali li kienet '*in corso'.*

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li ma tiehux aktar konjizzjoni tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148(f) billi din giet irtirata, tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2156(f) u thalli l-kawza ghall-prosegwiment ghas-seduta tas-26 ta' Novembru 2001.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri